MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1073/2009

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' Rothmans of Pall Mall Limited, kumpanija estera registrata f'*Companies House* (Ingilterra u Wales) bin-numru ta' registrazzjoni 00676565, b'indirizz registrat ta' 65 Pall Mall, Londra SW1Y 5HZ, fir-Renju Unit**

**vs**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tat-8 ta' Marzu 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil GODFREY PHILLIPS INDIA LTD, ta' 49 Community Centre, Friend S Colony, New Delhi-110 065, l-Indja; u**

**2. Dr. Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tat-8 ta' Marzu 2010 gew nominati**
**kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil MELFINCO**

**SA, ta' Landstrasse 158, P.O.Box 127/9494 Schaan Furstentum, Liechtenstein u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2010 il-Qorti ordnat l-estromissjoni tal-kuraturi deputati *stante* li Dr. John Refalo assuma l-atti ghan-nom tas-socjetajiet konvenuti.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita` numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' **Rothmans of Pall Mall Limited**, kumpanija estera registrata f'*Companies House* (Ingilterra u Wales) bin-numru ta' registrazzjoni 00676565, b'indirizz registrat ta' 65 Pall Mall, Londra SW1Y 5HZ, fir-Renju Unit datat 4 ta' Novembru 2009 a fol 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta' attrici, li tifforma parti mill-grupp ta' kumpaniji *British-American Tobacco*, maghruf sew madwar id-dinja nkluz f'Malta *inter alia* in konnessjoni ma' prodotti ta' sigaretti maghrufa ukoll lokalment bhala *"Rothmans Blue",* hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju u in konnessjoni mal-istess.

Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva, is-socjeta' attrici flimkien ma' kumpaniji affiljati ohrajn, kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* taghha.

Illi fost ohrajn, is-socjeta' attrici ghandha validament rregistrati f'Malta t-*trademarks* bin-numri ta' registrazzjoni 33537 (dwar sigaretti, tabakk, prodotti tat-tabakk, artikli ta' tipjip, *lighters* u suffarini), 6091 (dwar sigaretti, tabakk u sigarri) u 9231 (dwar tabakk, frisk jew manifatturat, artikli ta' tipjip u suffarini).

Illi inoltri, is-socjeta' attrici tinsab awtorizzata minn Rothmans of Pall Mall Limited (kumpanija Svizzera

affiljata maghha) dwar l-uzu tat-*trademarks* Komunitarji numri 002107571 u 002106862, u dawn dwar sigaretti, tabakk, prodotti tat-tabakk, artikli ta' tipjip, *lighters* u suffarini.

Illi s-socjeta' attrici hija "detentrici ta' dritt" u tinsab registrata mal-Kontrollur tad-Dwana ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi fosthom tal-**Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)** (**Kapitlu 414 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta**) u tal-**Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights,** biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-**artikli 2 (1) (a), 4 u 8 (1) tal-istess Kap. 414** u taht id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**Artikli 2. 1 (a), 10, 16 u 17 tal-istess Council Regulation (EC) No 1383/2003** fost ohrajn.

Illi recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artiklu 4 tal-Kap. 414** u fl-**artiklu 1 1. tal-Council Regulation EC No. 1383/2003** imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana issosspenda r-rilaxx tal-*container* TCNU 8402974 kontenenti kwantita' ta' pakketti tas-sigaretti gewwa kaxxi tal-kartun u dawn tal-ahhar gewwa *shipping cases* relattivi, li kollha fihom markji konsistenti fi skemi ta' kuluri pprezentati b'mod prominenti bhal dawk tas-socjeta' attrici dwar prodotti maghrufa ukoll lokalment bhala "*Rothmans Blue*", u waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana waqt procedura ta' trasbord in transitu ghar-rilaxx eventwali favur *consignee* / importatrici ndikata fuq il-polza ta' karigu relattiva bhala *TO ORDER* filwaqt li bhala *shipper*/parti li qed tibghat hemm indikata GODFREY PHILLIPS INDIA LTD, ta' 49 Community Centre, Friend S Colony, New Delhi-110 065, l-Indja u bhala *NOTIFY PARTY* / parti tan-notifika hemm indikata MELFINCO SA, ta' Landstrasse 158, P.O.Box 127/9494 Schaan Furstentum, Liechtenstein, u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki

opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali.

Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba u wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta' intellettwali. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta' attrici kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz konsistenti fil-polza ta' karigu fejn, fil-parti relattiva ghall-*consignee* hemm indikat *TO ORDER* filwaqt li bhala *shipper* / parti li qed tibghat hemm indikata GODFREY PHILLIPS INDIA LTD, ta' 49 Community Centre, Friend S Colony, New Delhi-110 065, l-Indja u bhala *NOTIFY PARTY* / parti tan-notifika hemm indikata MELFINCO SA, ta' Landstrasse 158, P.O.Box 127/9494 Schaan Furstentum, Liechtenstein.

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u oltre d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 5 ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikli 10** [partikolarment **10 (2) (b)] u 14 sa 19 tal-Att Dwar it-Trademarks (Kap. 416**), kif ukoll id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikli 22, 9 1. (a) u (b) tal-Council Regulation (EC) No. 40/94 on the Community trade mark u tar-regolament numru 9 tal-avviz legali 233 tal-2003**.

Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga terminu sal-4 ta' Novembru 2009 (inkluz) sabiex is-socjeta' attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz, u dawn il-procedimenti gudizzjarji civili qed jigu prezentati entro dan l-istess terminu.

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur *nomine* umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’pakketti tas-sigaretti gewwa kaxxi tal-kartun u dawn tal-ahhar gewwa *shipping cases* relattivi, li kollha fihom markji konsistenti fi skemi ta’ kuluri pprezentati b’mod prominenti bhal dawk tas-socjeta’ attrici dwar prodotti maghrufa ukoll lokalment bhala “*Rothmans Blue*” u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* TCNU 8402974 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ’l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta’ attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez ta’ – l-konvenuti jew min minnhom.

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuti jew min minnhom mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni.

4. Tordna li l-konvenuti jew min minnhom ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti mmarkati minn Dok. “A” sa Dok. “M” kif jidher minn fol. 4 sa fol. 49 tal-process.

Rat id-digriet datat 8 ta’ Marzu 2010 (fol. 50) fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entitajiet intimata.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-4 ta’ Mejju 2010, b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat ir-risposta ta’ Dr. Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati datata 5 ta’ April 2010 a fol. 80 tal-process fejn ecceppew:-

1. Illi f’ dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunkaw mal-assenti minnhom rapprezentata.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ Dr. Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta’ Malfinco SA a fol. 80 tal-process.

Rat in-nota attrici datata 15 ta’ April 2010 fejn gew esebiti diversi dokumenti immarkati Dok. “LS 01” sa Dok. “LS 05”.

Rat ir-risposta ta’ Dr. Martin Fenech et noe bhala kuraturi deputati sabiex jirrappresentaw lis-socjeta’ Godfrey Philips India Ltd datata 19 ta’ April 2010 a fol. 120 tal-process fejn ecceppew:-

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti.

Rat il-lista tax-xhieda flimkien ma’ dokument esebti ta’ Dr. Martin Fenech et noe bhala kuraturi deputati a fol. 120 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-4 ta’ Mejju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Luigi Sansone ghas-socjeta` attrici u Dr. John Refalo li assuma l-atti tal-kawza ghan-nom tas-socjetajiet konvenuti. Il-Qorti, *in vista* ta’ dan ordnat l-estromissjoni tal-kuraturi deputati. Dr. John Refalo talab lill-Qorti zmien ghar-risposta guramentata. Dr. Luigi Sansone irrimetta ruhu. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet ghoxrin gurnata zmien sabiex tigi pprezentata r-risposta guramentata.

Rat in-nota ta’ l-Avukat John Refalo datata 4 ta’ Mejju 2010 (fol. 125) fejn assuma l-atti tal-kawza ghan-nom tal-konvenuti kollha bla pregudizzju ghall-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Dr. John Refalo bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza ta’ Melfinco SA datata 24 ta’ Mejju 2010 a fol. 126 tal-process fejn eccepixxa li:-

1. Illi din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni biex tiddeciedi l-kawza premessa billi in kwantu l-gurisdizzjoni hi fondata fuq id-detenzjoni tal-merkanzija ghandu jirrizulta li (a) il-merkanzija qatt ma waslet Malta ghall-finijiet tar-regolament u/jew (b) id-detenzjoni hija illegali u abusiva u kwindi ma hijiex tajba u/jew sufficjenti biex tirradika l-gurisdizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi kompletament bla pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit ulterjorment li l-merkanzija mertu ta’ din il-kawza ma tikkontravjeni ebda dritt ta’ proprjeta` industrjali vantata mir-rikorrenti.

3. Illi *inoltre* wkoll bla pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit li l-gudizzju ma huwiex integru billli din l-Onorabbli Qorti ma tistax tikkundanna lill-Kontrollur tad-Dwana jiehu passi fil-konfront tal-eccipjenti billi l-Kontrollur tad-Dwana ma huwiex parti minn dawn il-proceduri.

4. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Dwar il-Fatti:

1. Illi l-fatti kif dikjarati fid-dikjarazzjoni attrici huma kollha kontestati fost l-ohrajn ghaliex (i) id-disposizzjonijiet tal-**Council Regulation (EC) No 1383/2003** ma japplikawx ghall-merkanizja *de quo* (ii) ma kien hemm mehtieg ebda rilaxx ta' merkanzija mill-Kontrollur u (iii) ma kienx hemm cirkostanzi suspettuzi li wasslu ghas-sejba. Dwar dan l-ahhar punt il-Bill of Lading tindika korrettement li l-merkanzija kienet tikkonsisti f'sigaretti li kienu joriginaw minn u destinati ghal pajjizi li ma humiex parti tal-Unjoni Ewropea. Effettivament si tratta ta' negozju bejn pajjizi li ma jiffurmawx parti mill-Komunita` Ewropea u l-beni in kwistjoni ma huwiex milqut mid-dettami tal-ligijiet ikkwotati mir-rikorrenti.

Illi dwar il-markji in kwistjoni jinghad li l-markju "Portmans" huwa proprjeta` tal-kumpanija eccipjenti li ghandha dritt tisfruttaha skont il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Gunju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Luigi Sansone ghas-socjeta` attrici u Dr. John Refalo ghas-socjeta` Melfinco SA. Inghata digriet affidavit tal-partijiet ta' tletin (30) gurnata lil kull parti u l-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Gillian Portelli sabiex is-socjeta` intimata, fuq indikata, tipprezenta lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jixhed *viva voce*.

Rat in-nota attrici datata 30 ta' Lulju 2010 (fol. 131) fejn gie esebiet l-affidavit ta' Dr' Luigi Sansone nomine u d-Dok. "A" sa Dok. "P" (fol. 138 sa fol. 580 tal-process).

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Novembru 2010 fejn gie verbalizzat li peress li s-socjetajiet konvenuti ma resqu l-ebda provi la bl-affidavits u lanqas viva voce il-Qorti ddikjarat l-provi maghluqa u l-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni ghat-3 ta' Frar 2011.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Frar 2011 fejn deher biss Dr. Luigi Sansone ghas-socjeta' attrici u Dr. John Refalo msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Dr. Sansona tratta l-kaz u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2011.

Rat ir-rikors ta' Dr. John Refalo bhala mandatarju specjali tas-socjeta' konvenuta MELFINCO SA datat 3 ta' Frar 2011 (fol. 588) fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jippresenta nota ta' osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba b'digriet datat 14 ta' April 2011 (fol. 590).

Rat ir-rikors datat 3 ta' Frar 2011 fejn Dr. John Refalo nomine talab li ssir riferenza preliminari lill Qorti tal-Gustizzja Ewropea a bazi tal-**artikolu 234 tat-Trattat** liema riferenza jekk **ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) numru 2913/1992 u numru 1383/2003,** u b'mod partikolari l-**artikoli 2 (1) (a), 10, 16, u 17 tal-imsemmi Regolament numru 1383/2003** japplikawx ghal merkanzija li torigina barra mill-Komunita' Ewropea u li taghddi mill-port hieles ta' Stat Membru fil-kors ta' transshipment lejn pajjiz li ukoll m'huwiex membru tal-Kommunita' Ewropea u f'kaz li l-imsemmija Regolamenti u Artikoli huma applikabbli ghal merkanzija deskritta u mertu tal-kawza odjerna, jekk l-ismemmija Regolamenti u Artikoli humiex validi.

Rat ir-risposta tas-socjeta' attrici datata 11 ta' April 2011 fejn opponiet ghall tali talba.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 14 ta' April 2011 fejn il-Qorti irriservat li tipprovdi dwar l-istess wara li tisma' lid-difensuri tal-partijiet.

Rat ir-rikors datat 18 ta' Frar 2011 (fol. 596) ta' Dr. John Refalo nomine fejn talab li jipprezenta l-opinjoni tal-Avukat Generali tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea fil-kazijiet **"Koninklijke Philips Electronics NV vs Lucheng Meijing Industrial Company Limited et (C – 446/2009)** u **"Nokia Corporation vs Her Majesty's**

**Commissioners of Revenue and Customs" (C – 495/2009)** bhala Dok. "AG" (fol. 598 sa fol. 618).

Rat ir-risposta tas-socjeta' attrici datata 11 ta' April 2011 (fol. 622).

Rat id-digriet datat 14 ta' April 2011 (fol. 596) fejn il-Qorti laqghet it-talba ghal-produzzjoni tal-istess dokument.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. John Refalo ghall-konvenuti u Dr. Sara Grima ghall-istess, u Dr. Luigi Sansone ghall-atturi *nomine*. Dr. Sara Grima pprezentat nota ta' sottomissjonijiet dwar it-talba taghha fir-rikors tat-3 ta' Frar 2011 b'kopja tal-istess inghatat lid-difensuri tal-kontro-parti prezenti li jitlob zmien ghan-nota ta' sottomissjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u akkordatlu tletin (30) gurnata zmien ghan-nota responsiva b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghall-provvediment dwar l-istess ghall-1 ta' Novembru 2011.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet ta' Dr. John Refalo bhala mandatarju specjali tas-socjeta' konvenuta Melfinco SA datata 31 ta' Mejju 2011.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici datata 30 ta' Gunju 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi fl-ewwel lok qabel ma l-Qorti tidhol fil-mertu tal-kawza trid tigi deciza t-talba kontenuta fir-rikors tal-Dr. John Refalo nomine datat 3 ta' Frar 2011 fejn talab li ssir

riferenza preliminari lill Qorti tal-Gustizzja Ewropea a bazi tal-**artikolu 234 tat-Trattat** liema riferenza jekk **ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) numru 2913/1992 u numru 1383/2003,** u b'mod partikolari l-**artikoli 2 (1) (a), 10, 16, u 17 tal-imsemmi Regolament numru 1383/2003** japplikawx ghal merkanzija li torigina barra mill-Komunita' Ewropea u li tghaddi mill-port hieles ta' Stat Membru fil-kors ta' *transshipment* lejn pajjiz li ukoll m'huwiex membru tal-Kommunita' Ewropea u f'kaz li l-imsemmija Regolamenti u Artikoli huma applikabbli ghal merkanzija deskritta u mertu tal-kawza odjerna, jekk l-ismemmija Regolamenti u Artikoli humiex validi. Huwa dan ir-rikors li llum qed jigi deciz.

Illi fil-fatt din it-talba saret ghaliex l-istess konvenut Dr. John Refalo bhala mandatarju specjali tas-socjeta' MELFINCO SA qed isostni li la darba l-azzjoni attrici saret kemm abbazi tal-**Kap 414** izda wkoll skond id-disposizzjonjiet tal-**artikoli 2 (1) (a), 10, 16, u 17 tar-Regolament 1383/2003,** u qed jigi sostnut li fil-kaz odjern, la darba si tratta ta' merkanzija li originat minn pajjiz mhux membru fl-Unjoni Ewropeja (l-Indja) u destinata sabiex tmur f'pajjiz li wkoll mhux membru tal-EU (Tripoli – Libja), mela allura tali regolamenti ma humiex applikabbli ghall merkanzija in kwistjoni ghaliex din dahlet biss fi freeport terminal u lanqas f'territorju Malti, u allura lanqas kienet destinata biex tigi cirkolata hawn Malta jew biex tigi rilaxxata f'Malta jew f'xi parti mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea, u allura r-**Regolamenti 2913/92 u 1383/2003** ma japplikawx ghall dan il-kaz.

Illi minbarra dan l-istess konvenut nomine qajjem il-punt jekk tali Regolamenti, anke jekk jitqiesu applikabbli ghall kaz in kwistjoni jesorbitaw mill-applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Komunita' Ewropea ghaliex jolqtu kummerc extrakomunitarju u ghalhekk tali Regolamenti huma invalidi sa fejn jaffetwaw merkanzija li torigina minn pajjiz barra mill-Kommunita' Ewropea, tghaddi mill-port hieles ta' Stat Membru u tibqa' sejra go pajjiz iehor barra mill-Komunita' Ewropea, u ghalhekk din tinvolvi interpretazzjoni ta' Regolament Ewropej u stharrig tal-applikabblita' ta' l-istess fil-kuntest tal-**artikolu 234 tat-**

**Trattat li jistabilixxi l-Komunita' Ewropea**, u ghalhekk qed issir tali talba ghar-referenza lill-Qorti Ewropea.

Illi b'risposta ghall dan is-socjeta' attrici ssottomettiet li d-domanda w allura r-riferenza mqajjma fir-rikors tal-konvenut nomine tat-3 ta' Frar 2011 ma hijiex necessarja sabiex din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza f'din il-kawza u dan ghaliex it-talbiet attrici huma bbazati wkoll fuq id-disposizzjonijiet tal-**Kap 414** u dan indipendentement minn dak li jipprovdu r-**Regolamenti 2913/92 u 1383/2003 tal-Unjoni Ewropeja** u allura tali kawza tista' tigi deciza proprju fuq id-disposizzjonijiet tal-Ligi Maltija, minghajr ma ssir riferenza ghall-imsemmija regolamenti tal-Unjone Ewropeja.

Illi fl-ewwel lok jinghad li inghatat anke fuq dan ir-rikors id-difiza li tali rikors tar-rikorrenti lanqas huwa proponibbli minnu peress li ma jirrizultax li gew sodisfatti l-elementi rikjesti fl-**artikolu 181 A (2) tal-Kap. 12** u jidher li dan huwa l-kaz ghaliex ma giet provduta l-ebda prova ta' dak rikjest mill-istess artikolu mir-rikorrenti nomine.

Illi izda apparti dan jekk jigi mistharreg ir-rikors datat 3 ta' Frar 2011 fil-mertu tieghu jirrizulta li fil-verita' minn harsa tal-azzjoni attrici jirrizulta li l-ezami fuq il-merkanzija de quo sar mill-Kontrollur tad-Dwana skond l-**artikolu 4 tal-Kap. 414 u l-artikolu 1 tal-Council Regulation EC 1383/2003,** u li gie allegat li l-oggetti mertu tal-kawza odjerna jiksru l-provedimenti tal-**artikolu 2 (1) (a), 4 u 8 (1) tal-Kap. 414 u tal-artikoli 2, 1(a), 10, 16, u 17 tal-Regoment EC 1383/2003 u l-artikolu 10 (2) (b), 14 u 19 tal-Kap. 416, u l-artikoli 22, 9, 1 (a) u (b) tal-Regolament 207/2009 u r-Regolament 9 tal-Avviz Legali 233 tal-2003.**

Illi allura jirrizulta li l-kawza odjerna ma hijiex ibbazata biss u unikament fuq dak li jipprovdu l-istess **Regolamenti 2913/92 u 1383/2003**, izda wkoll u fuq kollox fuq dak li jipprovdi l-**Kap. 414,** u dan huwa aktar relevanti in vista ta' dak li gie deciz fis-sentenza **"Dr. Luigi Sansone nomine vs Av. Dr. Nikolai Vella Falzon et nomine et"** (P.A. (RCP) – 24 ta' Frar 2011) fejn inghad li kemm il-darba l-

azzjoni attrici hija bbazata fuq l-**artikolu 4 tal-Kap. 414,** u din il-Ligi hija applikabbli, mela allura tali Ligi Maltija hija applikabbli u dan indipendentement minn dak li jipprovdi r-Regolamenti EU 1383/2003, u mela allura din il-kawza tista' tigi deciza biss abbazi ta' dak li tipprovdi l-Ligi Maltija minghajr ma' jigi ezaminat l-istess Regolament, u dan ghaliex l-istess Ligi Maltija giet promulgata indipendetement mill-istess, tant li dahlet *in vigore* fi Frar 2000, mentri ir-**Regolament EU 1383** beda japplika ghal Malta biss minn meta saret stat membru fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004.

Illi apparti dan gie wkoll stabilit f'dik is-sentenza li l-ebda punt tal-Ligi Maltija ma huwa kontrastanti mal-istess Regolament/i tal-Unjoni Ewropea, tant li dan lanqas biss ma qed jigi allegat mill-konvenut nomine. F'dan il-kuntest, u sabiex tigi evitata ripetizzjoni ssir riferenza ghall dak kollu li inghad fl-istess sentenza hawn citata minn din il-Qorti kif presjeduta, u dan sa fejn din il-Qorti applikat esklussivament il-Ligi Maltija sabiex iddecidiet pendenza simili bhal dik odjerna.

Illi dan ifisser li allura kemm il-darba l-azzjoni attrici tigi deciza fuq dak li tipprovdi l-Ligi Maltija, u specifikatament l-**Kap. 414,** minghajr ma ssir riferenza ghall **Regolamenti 2913/92 u 1383/2003** mela allura jirrizulta li l-mistoqsija mressqa abbazi tar-rikors tal-konvenut datat 3 ta' Frar 2011 ma hijiex necessarja sabiex tigi deciza din is-sentenza, u dan ghaliex l-istess sentenza tista' tigi deciza biss b'riferenza ghall-ligi Maltija u allura l-punt imqajjem mill-konvenut nomine lanqas huwa determinati jew necessarju sabiex tigi deciza l-kawza odjerna.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li l-opinjoni tal-**Advocate General** tal-Qorti tal-Gustizzja ta' l-Unjoni Ewropeja fil-kazi ta' **"Koninklijke Philips Electronics NV vs Lucheng Meijing Industrial Company Limited et (C – 446/2009) u "Nokia Corporation vs Her Majesty's Commissioners of Revenue and Customs Case"** (Case C – 495/09) (Dok. "AG 1") kif inghad fis-sentenza citata bl-ebda mod ma jimpingi fuq dak li jipprovdi l-**Kap. 414**, li fuqhu hija wkoll ibbazata l-azzjoni attrici. (ara ukoll

**"Av. Dott. David Tonna nomine vs. Av. Dott. Richard Sladden et nomine"** (P.A. (GC) - 10 ta' Novembru 2006).

Illi ghalhekk it-talba ta' Dr. John Refalo bhala mandatarju specjali tas-socjeta' konvenuta Melfinco S A bir-rikors tieghu datat 3 ta' Frar 2011 sabiex issir referenza preliminari lill-Qorti tal-Gustizzaja Ewropea bil-mod kif formulata qed tigi michuda ghar-ragunijiet hawn decizi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' attrici datata 11 ta' April 2011 u dan in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talba ta' Dr. John Refalo bhala mandatarju specjali tas-socjeta' konvenuta MELFINCO SA fir-rikors tieghu datat 3 ta' Frar 2011** sabiex fit-termini hemm indikati ssir riferenza preliminari lill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea u dan ghaliex id-decizjoni fuq il-kwezit hemm imqajjem mhux necessarju sabiex din il-Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi din il-kawza skond kif hawn deciz.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tas-socjeta' konvenuta MELFINCO SA.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------